MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 603/1997/1

Angelo Schembri
vs
Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura, Is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u d-Direttur Generali tal-Edukazzjoni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz tul il-perjodu 1987-1995, ir-rikorrent sofra pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi gie mcahhad mill-allowances dovuti lilu.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom, kienu s-segwenti: Illi r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Works Technical Officer, grad illi ilu jiddetjeni ghal dawn l-ahhar sittax-il sena.

Illi wara d-9 ta' Mejju 1987, ir-rikorrent gie ghall-kurrent tal-fatt illi nies li kellhom l-istess grad bhal tieghu u anke anqas u li kienu jaghmlu l-istess xoghol bhal dak li kien jaghmel hu, kienu qeghdin jinghataw allowance extra liema allowance ma kienx qieghed jinghata lilu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u irriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghogbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi (1) dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrent giet kommessa ingustizzja meta huwa ma nghatax l-allowance dovut lilu (2) illi jinghata dak l-ammont dovut lilu kwantu allowance ghall-perjodu 9 ta' Mejju 1987 sa 15 ta' Mejju z-zewg dati inkluzi u (3) u kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzja hekk sofferta.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tad-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepew:

Illi, preliminarjament, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali m'huwiex il-legittimu kontadittur fil-kawza odjerna u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ma kien hemm l-ebda persuna fl-istess grad tar-rikorrent, jigifieri Assistant Works Technical Officer, fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li kien jircievi allowance (Dok A). Jonqos ghalhekk l-ewwel element ta' l-artikolu 6 (undue distinction) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi dawk il-persuni li kellhom il-grad ta' General Hands, li huwa inqas mill-grad tar-rikorrent kienu responsabbli minn grupp ta' nies u allura kienu jinghataw l-allowance minhabba li kellhom responsabbiltajiet 'il fuq mill-grad taghhom. Fil-fatt meta dawn ma baqghux responsabbli min-nies l-allowance tnehhitilhom (Dok B).

Kien hemm grupp ta' haddiema li kienu impjegati irregolarment mal-BOV u ma' l-Air Supplies fl-1986/87. Dawn kienu assorbiti regolarment mal-Gvern u bi ftehim mal-Unions baqghu jircievu l-allowances kollha, flimkien mal-paga li kellhom fejn kienu impjegati "on a personal basis".

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jichad it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li kien jahdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u fl-1981 kien gie promoss ghall-grad ta’ chargehand wara sejha ghall-applikazzjonijiet u qal li fl-1991 permezz tar-riforma gie assimilat fil-grad ta’ Assistant Trchnical Officer. Spjega li hu matul dan iz-zmien dejjem assuma responsabiltajiet konnessi ma’ manutenzjoni ta’ stallazzjonijiet elettrici fi skejjel sew f’Malta kif ukoll f’Ghawdex. Semma li meta giet introdotta sistema kompjuterizzata fl-iskejjel kien hu li kien gie appuntat biex jassisti lill-konsulent inkarigat u kien ha hsieb il-htigijiet kollha konnessi ma l-istallazzjoni fis-sistema elettrika fl-iskejjel. Qal li minkejja r-responsabiltajiet kollha li assuma hu xorta qatt ma nghata l-grad ta’ Technical Officer.

In kontro ezami qal li x-xoghol tieghu kien fuq l-elettriku, izda spjega li xoghlu kien li jassenja x-xoghol lin-nies, jiehu wkoll l-ordnijiet ghall-istores. Qal li fejn kien hu ma kienx hemm Technical Officers ohrajn li kienu fuq l-eletriku bhalu. Semma li ma kien hemm hadd jassistih f'dan it-tip ta' xoghol kien hemm biss eletrical fitters li kienu tahtu. Qal li kien jimla wkoll applikazzjonijiet meta kien ser isir xi upgrading tal-eletriku, imma dan sakemm inbidlu r-regolamenti mill-Enemalta u gie introdott ir-rekwizit li jrid ikollu licenzja A tal-elettriku.

Xehed Albert Callus Segretarju tal-Ministru tal-Edukazzjoni li qal li bejn l-1987 u l-1995 kien il-Ministeru tal-Edukazzjoni u lir-rikorrent jafu biss di vista. Ma kellux konnessjoni mas-Salaries Section.

Xehdet Mary Buhagiar Principal fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u li f' Mejju 1987 il-grad taghha kien ta' Executive Officer. Qalet li taf li r-rikorrent kien Carpenter. Dwar xi nies imsemmija bhal Chris Cini, Edward Cachia, David Cassar u Carmen Sciberras qalet li dawn kienu nies mis-CMU li kienu grupp ta' nies migburin Hal-Far u mbaghad kienu ghaqqduhom mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u kienu jaghmlu xoghol ta' maintenance.

Xehed Lino Callus li qal li Ciappara kien in charge mill-electricians. Qal li fis-sezzjoni tal-maintenance kien in charge il-Perit Satariano, is-Sur Farrugia u s-Sur Veneziana u gieli wkoll kellu bzonn xi haga u rrifera dirett ghalih meta nqalghet xi problema. Qal ukoll li anzi iktar kien jigi r-rikorrent ghandu, xi drabi minhabba xi problema amministrattiva.

Xehed Joe Spiteri Bailey li qal li fl-1994 kien ghamel zmien qasir ta' ftit granet biss fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u kien fl-ahhar ta' l-1995 li rega' baghat ghalih il-Ministru Michael Falzon u rega' mar id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Qal li fid-Dipartiment dak iz-zmien kien hemm tahwid kbir u kien hemm xi impjegati mill-maintenance li kienu tnehhew mill-Ministeru u marru mad-Dipartiment. Qal li lir-rikorrent jafu peress li hadem

maghhom u jidher li r-rikorrent kellu tahtu l-mastrudaxxi. Qal li ma jidhirx li r-rikorrent kien wiehed minn dawk il-persuni li ngabu mad-Dipartiment.

Xehed <u>Mario Cacciatolo</u> li kkonferma li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta’ maintenance. Xoghlu kien ta’ carpenter u kien jissorvelja n-nies ta’ tahtu u r-reputazzjoni tieghu fuq ix-xoghol kienet tajba. Semma li kien hemm grupp ta’ nies Hal-Far mis-Central Maintenance Unit u peress li kienu jaghmlu xi supervizjonijiet fuq ohrajn kienu jiehdu xi allowances u ghalhekk meta gew mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni baqghu jiehdu din l-allowance. Spjega li kienu n-nies li kienu gew minn banda ohra li baqghu igawdu minn certa allowance. Qal li fil-fatt dawn il-persuni li kienu qed jiehdu xi allowance kienu qed jiehdu dan peress li kienu qed jaghmlu xoghol li kien in a supervisory grade, imma ghax kienu qed jiehdu din l-allowance qabel. Fil-fatt qal kif jidher mid-dokumenti li l-Ministru kien ordna li jistghu jibqghu jiehdu l-allowance.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija li l-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura mhux il-Legittimu Kontradittur. Dan it-Tribunal ittratta din it-tip ta’ eccezzjoni kwantita` kbira ta’ kazijiet u jhossu meraviljat kif ghad ikun hemm eccezzjonijiet fuqha li ma jigux korretti precedentement. Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li “Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f’ idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministru tal-Edukazzjoni u s-Segretarju Permanenti fi hdan dan il-Ministeru gew inkluzi fil-kawza. Ghalhekk il-Ministru tal-Edukazzjoni u s-Segretarju Permanenti fi hdan dan il-Ministeru mhux il-legittimi kontradittur i. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment

tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tal-Edukazzjoni u s-Segretarju Permanenti fi hdan dan il-Ministeru u ghalhekk jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ilment tar-rikorrent jirrelata principalment ghan-nuqqas ta' allowances li r-rikorrent ma hax. F' dan l-istadju t-Tribunal jirreferi ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru, 1999:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid: …

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.
***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess

artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecidida fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **<u>terminazzjoni ta' impieg</u>** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **<u>dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata</u>** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **<u>hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni</u>** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited

deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**, …

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **allowances.** Dawn ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b' ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi. Ghalhekk ma jaqghux fil-kompetenza tat-Tribunal.

Ghalhekk it-Tribunal m' ghandux kompetenza biex jezamina allowances.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------